# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 7 ta' Frar, 2017**

**Kawża Nru 31**

**Rik. Nru. 454/2010 JRM**

Mary Grace **MALLIA**

vs

Christopher **AĠIUS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-5 ta' Mejju, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi titlob li din il-Qorti (a) taqta' l-kawża mingħajr smigħ; (b) issib li l-imħarrek huwa debitur tagħha fl-ammont ta' tlieta u sittin elf, erba' mija ħamsa u erbgħin ewro (€63,445); u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iħallas l-istess ammont flimkien mal-imgħax legali minn dakinhar li nfetħet il-kawża sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2010[1], li bih ħalliet lill-imħarrek jikkontesta l-kawża għar-raġunijiet imsemmija waqt is-smigħ ta' dakinhar mill-avukat li qabbad biex jidher għalih;

[1] Paġ. 7 tal-proċess

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek fl-10 ta' Awwissu, 2010, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad l-ammont mitlub billi qal li l-pretensjonijiet ma jirriflettux dak li ġara bejnu u bejn l-attriċi. Laqa' wkoll billi lmenta mill-mod kif l-attriċi sejħet ix-xhieda tagħha bla ma qalet min huma u għal liema għan ser issejħilhom biex jixdu;

Semgħet ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Settembru, 2012[2], li bih tat lill- partijiet żmien sabiex iressqu s-Sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-24 ta' Ottubru, 2012[3], imressqa mill-attriċi;

Rat li l-imħarrek naqas li jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet bi tweġiba għal dik tal-attriċi, minkejja li ngħata żmien biżżejjed biex jagħmel dan[4];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija kawża għar- radd lura ta' flus li għaddew mingħand l-attriċi lill-imħarrek matul iż-żmien li kellhom relazzjoni bejniethom, u li hu kien talabhomlha għal raġunijiet differenti marbuta mal-imsemmija relazzjoni. Billi naqas li jroddhom lura, l-attriċi fetħet din il-kawża;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li l-flejjes intefqu fuq fond li għexu fih flimkien u li kienu bi ħsiebhom jixtruh, u li l-bejgħ tiegħu sfratta meta l-attriċi temmet ir-relazzjoni. Jgħid ukoll illi wħud mill-oġġetti li nxtraw qegħdin f'idejn l-attriċi għaliex ħadithom magħha meta spiċċaw infirdu, filwaqt illi d-depożitu li tħalla fuq il-konvenju tal-fond mhuwiex f'idejh għaliex qatt ma nġabar mingħand is-sid;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li xi sentejn wara li l-attriċi romlot f'Jannar tal-2004, daħlet f'relazzjoni mal-imħarrek li, min-naħa tiegħu, infired minn ma' martu Dorianne Aġius bis-saħħa ta' kuntratt ta' firda personali f'Mejju tal-2005[5]. Miż-żwieġ tagħha, l-attriċi kellha tifla li twieldet fl-1999;

[2] Paġ. 94 tal-proċess
[3] Paġġ. 97 – 100 tal-proċess
[4] Paġ. 102 tal-proċess
[5] Dok "AC2", f'paġ. 51 tal-proċess

Illi l-attriċi u l-imħarrek għamlu tlieta minn erba' snin li kienu jafu lill xulxin, jgħixu flimkien. Għall-ewwel għexu fid-dar taż-żwieġ tal-attriċi, u wara, meta nbiegħet, ġo post fi Triq Joseph Deacon, f'Tal-Qattus, limiti ta' Birkirkara (Swatar). Bint l-attriċi kienet tgħix magħhom. L-attriċi biegħet id-dar taż-żwieġ li kellha bil-ħsieb li tixtri fond flimkien mal-imħarrek. F'Lulju tal-2007[6], il-partijiet resqu fuq konvenju flimkien biex jixtru l-post ta' Triq Joseph A Deacon u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma, fosthom il-prezz ta' sittin elf Lira Maltin (Lm 60,000)[7]. Tħallas depożitu akkont tal-prezz li ħallsitu l-attriċi minn flejjes li sselfet mingħand missierha. Il-konvenju ġġedded aktar minn darba waħda[8], imma l-att finali tal-bejgħ baqa' ma sarx, il-konvenju waqa' u d-depożitu nżamm mill-bejjiegħa. L-imħarrek jgħid li ried jagħmel il-proċeduri biex id-depożitu jintradd lura iżda jgħid li l-attriċi ma ikkollaboratx f'dan ir-rigward u għalhekk baqgħu ma ttieħdu l-ebda passi biex id-depożitu akkont tal-prezz jinġabar lura[9];

Illi matul iż-żmien li l-partijiet kienu f'relazzjoni, l-attriċi tgħid li għaddiet diversi flejjes oħra lill-imħarrek kull meta kien jitlobha biex, flimkien ma' flusu, setgħu jkunu f'qagħda li jersqu fuq il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ tal-fond tas-Swatar li fih kienu għamlu xi xogħlijiet. Wara li l-attriċi biegħet il-post li kien id-dar taż-żwieġ tagħha u kellha toħroġ minnu, il-partijiet irranġaw mas-sidien tal-post li kienu sejrin jixtru biex jagħtuhom iċ-ċwievet u jħalluhom jidħlu fih qabel ma jsir il-kuntratt pubbliku. Parti minn dawn il-flejjes intefqu fuq xogħlijiet fil-fond, oħrajn f'xiri ta' għamara, filwaqt li l-bqija l-attriċi tgħid li ma tafx x'sar minnhom;

Illi l-flejjes li l-attriċi għaddiet lill-imħarrek kienu f'biċċa minnhom is-sehem tagħha mill-bejgħ tal-fond li kellha fuq isimha u fuq bintha, oħrajn isselfithom mingħand missierha. Tgħid ukoll li sellfet lill-imħarrek somma flus biex seta' jixtri garaxx li qalilha li kellu bżonn jixtri biex ikollu fejn iqiegħed l-affarijiet li messew lilu wara li nfired minn ma' martu. Wara li missier l-attriċi għamel xi riċerki, ħareġ li l-imħarrek qatt ma xtara l-ebda garaxx. Lill-attriċi irriżultalha wkoll illi l-imħarrek kellu d-dejn ma' xi nies[10];

Illi meta l-attriċi saret taf xi affarijiet minn bank, bdiet titħasseb fuq l-imġiba tal-imħarrek u kif kien mexa magħha. Temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom u meta kien jidher li l-bank ma kienx lest li jislef lill-imħarrek, għarrfet lis-sidien tal-post li l-kuntratt ma setax isir u ħarġet mill-fond u

[6] Dok "MGM1", f'paġġ. 13 – 4 tal-proċess
[7] Li jġibu € 139,762.40 fi flus tal-lum
[8] Dok "MGM1", f'paġ. 15 tal-proċess
[9] Xhieda tiegħu, f'paġġ. 87 – 8 tal-proċess
[10] Ara xhieda tal-attriċi f'paġġ. 30 – 9 tal-proċess

ħadet magħha xi għamara[11]. Is-sidien tal-fond reġgħu ħadu lura l-pussess tal-fond bit-titjib li kien sar fih;

Illi l-attriċi tgħid illi l-ammont dovut lilha huwa ta' tlieta u sittin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€63,445), u li minnhom iridu jitnaqqsu l-flejjes li ntefqu fl-għamara u li hija ħadithom magħha;

Illi l-imħarrek jgħid li tul ir-relazzjoni mal-attriċi ħareġ flejjes minn butu[12]. Jikkonferma li ma kellux flejjes fil-kont[13], li d-depożitu fuq il-konvenju ħallsitu l-attriċi u li tul ir-relazzjoni ddepożitat diversi flejjes fil-kont tiegħu, iżda dawn il-flejjes intefqu fuq il-fond li kellhom il-ħsieb li jixtru flimkien. Jikkonferma wkoll s-self tal-flus mill-attriċi biex jixtri garaxx[14]. Jgħid li talab lill-attriċi jibdew proċeduri biex jieħdu lura d-depożitu li tħalla fuq il-konvenju iżda l-attriċi naqset li tikkopera u li l-flejjes għadhom għand is-sid[15]. Jikkonferma li lest li jħallas id-differenza lill-attriċi wara li jitnaqqas dak li hija ħadet[16];

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-konsiderazzjoni ta' natura legali</u> marbutin mal-każ ewlenija hija l-kwestjoni dwar liema mill-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet tista' l-Qorti toqgħod fuqha l-aktar. Minbarra dan, minsuġa flimkien hemm tliet kawżali oħrajn: (a) filwaqt li saret talba waħda mill-attriċi għar-radd ta' somma flus, l-azzjoni attriċi f'parti hija talba għar-radd lura ta' flus mislufa u f'parti oħra, (b) allegazzjoni ta' arrikkament mhux mistħoqq ta' flejjes li ngħataw in b'bona fidi lill-imħarrek sabiex jinxtara fond li kellu jservi bħala d-dar li fiha jgħixu l-partijiet fil-ħajja ġdida li kellhom f'moħħhom li jibdew[17]; (ċ) filwaqt li somma oħra mitluba hija marbuta ma' depożitu mħallas akkont tal-prezz tax-xiri tal-immobbli, maħruġ mill-attriċi, u li l-imħarrek jilqa' għal dan billi jgħid li ma jaħti xejn għat-telf tagħha;

Illi <u>dwar is-self li għadda bejn l-attriċi u l-imħarrek</u>[18], ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni. L-imħarrek jammetti li l-attriċi sellfitu l-ekwivalenti ta' ħamest elef Lira Maltin (Lm5,000), jiġifieri ħdax-il elf sitt mija sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) sabiex jixtri garaxx, u li hu qatt ma ħallasha lura tiegħu[19] meta lanqas biss kien xtrah;

---

[11] Ibid paġ. 39 tal-proċess
[12] Ara affidavit tal-imħarrek f'paġ. 75 – 6 tal-proċess
[13] Ara kontro-eżami tal-imħarrek f'paġġ. 90
[14] *Ibid* f'paġ. 86 tal-proċess
[15] Ara l-affidavit tal-imħarrek f'paġġ. 76 – 7 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-imħarrek in kontro-eżami f'paġ. 87 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda tal-imħarrek in kontro-eżami f'paġ. 90 tal-proċess
[17] Nota ta' Sottomissjonjiet tal-attriċi f'paġ. 99 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġ. 31 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Antonio Calleja f'paġ. 71 tal-proċess
[19] Ara kontro-eżami tal-imħarrek f'paġ. 86 tal-proċess

Illi l-liġi trid li, fil-każ ta' mutwu, l-obbligazzjoni li toħroġ minn self ta' flus hija, fil-każijiet kollha, tal-istess somma, fin-numru, li tkun imsemmija fil-kuntratt[20];

Illi għaldaqstant l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija sitta u erbgħin ewro, sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87c) mogħti mill-attriċi b'self *brevi manu* lill-imħarrek għal raġuni li, wara, irriżultat ma kenitx minnha, irid jintradd lura mill-imħarrek;

Illi <u>dwar l-ammont miżmum mill-imħarrek u li bis-saħħa tiegħu l-attriċi tgħid li stagħna minnu bi ħsara għaliha</u> u li ngħata mill-attriċi in *buona fede* sabiex jinxtara fond li kellu jservi bħala d-dar fejn jgħixu l-partijiet, it-talba fir-Rikors Maħluf titkellem dwar tliet somom. L-attriċi ssemmi s-somma ta' ħdax-il elf, tmien mija u tlieta u tmenin Ewro (€11,883), is-somma ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) u dik ta' tmint elef ewro (€8,000);

Illi l-ewwel ammont jirreferi għal flejjes oriġinarjament mislufa lill-attriċi minn missierha, Antonio Calleja, li ntefqu fix-xiri ta' għamara, *applicances* u sabiex sar xogħol ta' tikħil u tibjid fil-fond li l-partijiet kien fi ħsiebhom illi jixtru[21]. Dan l-ammont tħallas lura lil Antonio Calleja fis-26 ta' Jannar, 2009[22] wara li nbiegħ il-post li kien id-dar taż-żwieġ tal-attriċi u li hi flimkien ma' bintha kellhom fuq isimhom. Għalkemm l-attriċi titlob l-ammont ta' ħdax-il elf, tmien mija u tlieta u tmenin Ewro (€11,883), l-irċevuta mressqa bħala prova għal dan is-self hija dik fl-ammont ta' ħmistax-il elf u mija wieħed u erbgħin ewro (€15,141);

Illi jrid jingħad illi l-imħarrek ma jikkontestax illi dawn il-flejjes ħarġithom l-attriċi. Jgħid iżda illi m'għandu jagħti xejn minnhom lura għaliex l-attriċi, meta temmet ir-relazzjoni, ħadet kollox magħha minn ġol-post u tħallset b'idejha. L-attriċi, minn naħa tagħha, tikkonferma illi l-għamara qiegħda għandha u li l-valur tagħha għandu jitnaqqas minn dak mitlub, iżda rċevuta ta' kemm qamet din l-għamara ma ġietx ippreżentata mill-ebda parti fil-kawża. L-imħarrek, min naħa tiegħu, iressaq żewġ irċevuti: waħda marbuta ma' xogħol ta' kisi u tibjid fl-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000), u l-oħra biex għaddew id-dawl u l-ilma fl-ammont ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500). Dawn l-aħħar żewġ irċevuti jwasslu lill-Qorti għall-fehma illi l-għamara li l-attriċi tgħid illi xtrat, flimkien mal-oġġetti l-oħra li l-imħarrek jgħid ukoll illi l-attriċi ħadet magħha meta ħarġet mid-dar, għandhom valur ta' sebat elef, sitt mija wieħed u erbgħin ewro (€7,641)[23], li l-attriċi nnifisha tistqarr li għandu jitnaqqas mill-ammont minnha misluf lill-imħarrek;

[20] Art. 1844(1) tal-Kap 16
[21] Ara x-xhieda ta' l-attriċi f'paġ. 35 tal-proċess
[22] Dok. "MGM6" f'paġ. 26 tal-proċess: €26,7880 tinkludi s-self ta' €15,141 flimkien ma` €11,647 li tħallsu bħala depożitu fuq il-konvenju
[23] €15,141 – (€3,000 + €4,500)

Illi l-kwestjoni illi l-Qorti trid tqis ukoll hija jekk l-ammont minfuq fit-tikħil u t-tibjid, kif ukoll dak marbut max-xogħlijiet biex għaddew id-dawl u l-ilma, għandux jintradd lura mill-imħarrek. Dan l-ammont illum jissarraf f'titjib fil-fond li l-partijiet kienu sejrin jixtru u li fih għexu għal xi żmien u li, meta waqa' l-konvenju, għadda lura għand is-sid. L-attriċi, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[24], tgħid illi dan huwa arrikkiment mhux mistħoqq u għaldaqstant għandu jintradd lura;

Illi l-azzjoni mibnija fuq arrikkiment mhux misħoqq hija waħda ekwitativa[25] u llum il-ġurnata hija regolata espressament mil-liġi[26]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li mhuwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[27]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[28]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[29], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[30];

Illi ingħad ukoll[31] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qegħda tikseb vantaġġ jew utilita'[32] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet[33]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'din il-ħaġa jew b'dak is-servizz[34];

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet ma jgħoddux għal kollox għall-azzjoni li l-Qorti għandha quddiemha. Filwaqt illi l-attriċi tabilħaqq 'ftaqret' billi tilfet ġidha, m'għandiex raġun tgħid illi l-imħarrek stagħna minn fuq daharha għaliex il-flejjes tal-attriċi ntefqu ġewwa fond li l-imħarrek ma kellu xejn

---

[24] § 7 f'paġġ. 99 – 100 tal-proċess
[25] Dig. "*De Jure Dotium*", fr.6 "*Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum*"
[26] Art. 1028A tal-Kap 16
[27] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)
[28] Pescatore – Ruperto Codice Civile Annotato (7[a] Ediz. 1978) § 1041, paġ. 2008
[29] Art. 1012 tal-Kap 16
[30] Art. 1019 tal-Kap. 16
[31] Ara, per eżempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9[a] Edit., 1975) § 387, paġ. 634
[32] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)
[33] Amos & Walton's Introduction to French Law (3[rd] Edit.) paġ. 197
[34] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Parnis vs Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**)

minnu u llum mar lura għand sidu. L-attriċi xejn ma kienet għaqlija meta għamlet dan, għaliex investiet f'fond li ma kellha ebda jedd fuqu;

Illi għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija, it-talba attriċi sabiex l-ammont ta' ħdax-il elf, tmien mija u tlieta u tmenin Ewro (€11,883) jintraddu lura mill-imħarrek, mhux ser tintlaqa';

Illi t-tieni ammont jirreferi għal sbatax-il elf ewro (€17,000) li l-attriċi tgħid illi iddepożitatu fil-kont tal-imħarrek. Dan kien jirrappreżenta l-bilanċ[35] li l-attriċi kien baqgħalha mis-sehem tagħha tal-bejgħ tad-dar taż-żwieġ wara li tnaqqsu l-flejjes mislufin lilha minn missierha, u raddithom lura[36]. L-imħarrek dan ma jmerieħx[37], iżda jgħid li ntefqu fid-dar. Prova ta' dan ma jirriżultalhiex lill-Qorti. Min-naħa l-oħra, l-attriċi tgħid li l-imħarrek għamel użu ta' dawn il-flus għal skopijiet ulterjuri, u li ma kinetx taf bihom[38], u li x'aktarx marru biex l-imħarrek seta' jħallas xi djun li huwa kellu ma' ħaddieħor[39];

Illi l-istess jingħad għat-tielet somma msemmija, jiġifieri dik ta' tmint elef ewro (€8,000) li l-attriċi tgħid tirrappreżenta self ieħor magħmul lilha minn missierha[40]. Hija tippreżenta erba' kitbiet ta' self mingħand missierha li jammontaw għal sebat elef u disa' mitt ewro (€7,900). Dan huwa konfermati ukoll minn Antonio Calleja[41], u għal darb'oħra l-imħarrek ma jiċħadhomx[42]. L-attriċi tgħid li ma tafx l-imħarrek x'għamel bihom dawn il-flus[43];

Illi bis-saħħa tal-prinċipji dwar l-arrikkiment mhux mistħoqq imsemmi aktar 'il fuq, din il-Qorti tasal għall-fehma illi l-imħarrek irid irodd lura lill-attriċi l-ammont ta' sebat elef u disa' mitt ewro (€7,900) flimkien ma' dak ta' sbatax-il elf ewro (€17,000), billi dawn kienu għad-dispożizzjoni tiegħu u nqeda bihom kif ried bla ma wera li l-attriċi ħadet xi benefiċċju mill-infieq tagħhom;

Illi għaldaqstant it-talba attriċi fil-konfront ta' dawn iż-żewġ ċifri hija mistħoqqa, kif aġġustata, skond kif jirriżulta lill-Qorti mill-irċevuti ppreżentati u x-xhieda mogħtija waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi qabel ma l-Qorti tistħarreġ l-aħħar ċifra mitluba mill-attriċi, tinnota illi l-attriċi xehdet fuq somma oħra illi ddepożitat fil-kont tal-imħarrek, u jiġifieri

---

[35] €44,656 - €26,788 = €17,868
[36] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġ. 38 tal-proċess
[37] Ara x-xhieda tal-imħarrek mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 90 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "MGM7" f'paġ. 27 tal-proċess
[38] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġ. 40 tal-proċess
[39] Ara Dok "AC2", f'pa''. 53, 57 u 58 tal-proċess
[40] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġ. 38 tal-proċess
[41] Ara x-xhieda ta' Antonio Calleja f'paġ. 70 tal-proċess
[42] Ara x-xhieda tal-imħarrek mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 90 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tal-imħarrek f'paġ. 76 tal-proċess
[43] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġ. 39 tal-proċess

dik fl-ammont ta' disat elef u mitejn ewro (€9,200). Dik kienet tirrappreżenta d-depożitu li tħalla mix-xerrej fuq il-konvenju tal-bejgħ tal-fond li kien jappartjeni lill-attriċi u lil bintha, liema ammont ingħata min-Nutar Grech Trapani liż-żewġ partijiet[44]. L-imħarrek dan jikkonfermaħ[45], iżda talba għal dan l-ammont ma saritx[46]. Għaldaqstant il-Qorti dan l-ammont ma tistax tqisu bħala li huwa dovut mill-imħarrek bla ma tkun qiegħda tiddeċiedi *ultra petita*;

Illi l-aħħar somma mitluba mill-attriċi tirreferi għall-ħlas tad-depożitu li tħalla bħala parti mill-prezz miftiehem fil-konvenju għax-xiri tal-fond li kellu jintuża bħala l-post fejn il-partijiet joqogħdu, u li fuqu dehru ż-żewġ partijiet;

Illi mill-provi ħareġ li d-depożitu tħallas mill-attriċi[47], u l-konvenju ġie mġedded aktar minn darba[48]. L-attriċi tgħid illi dan ġara billi l-imħarrek kien jgħidilha li għandhom bżonn jieħdu self minn bank, filwaqt illi s-sensar li kien involut f'dan il-bejgħ jgħid illi l-imħarrek kien qallu li ma kinux ser jieħdu self iżda seħaq miegħu fuq il-bejgħ tal-fond li kien jappartjeni lill-attriċi u lil bintha[49];

Illi l-istess konvenju ma jsemmi xejn dwar iċ-ċirkustanzi x'jiġri mid-depożitu mħallas meta l-partijiet ma jersqux fuq il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ[50]. Jirriżulta li l-konvenju għalaq u waqa' u ma ntweriex li l-partijiet, min-naħa tagħhom, talbu lis-sidien biex jersqu għall-kuntratt għall-finijiet tal-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili. Id-depożitu li kien tħalla fuq il-konvenju baqa' għand is-sidien tal-fond. L-imħarrek jgħid illi dan kien nuqqas min-naħa tal-attriċi għaliex ma kkoperatx[51]. L-attriċi ma ssemmi xejn fuq dan il-fatt;

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi ladarba fuq il-konveju resqu ż-żewġ partijiet, l-obbligu mistenni taħt l-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili jorbot liż-żewġ partijiet, aktar u aktar meta ma tressqet ebda prova ta' xi interpellazzjoni minn parti lill-oħra f'dan ir-rigward;

Illi għalhekk l-argument tal-imħarrek li l-attriċi injorat l-interpellazzjonijiet tiegħu ma jistax jintlaqa', filwaqt illi t-talba attriċi biex tintradd lura s-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u tnax il-ewro (€14,912) sejra tintlaqa' biss f'parti minnha, billi fil-fehma tal-Qorti, mis-somma msemmija għandu jitnaqqas is-sehem tal-attriċi. Għaldaqstant jibqa' dovut lill-attriċi mill-

[44] Ara x-xhied tal-attriċi f'paġ. 34 tal-proċess u dok. "MG2" u "Dok. MGM3" f'paġġ. 16-17 tal-proċess.
[45] Ara l-affidavit tal-imħarrek f'paġ. 76 tal-proċess
[46] Ara t-tielet u r-raba' premessi tar-Rikors Maħluf
[47] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġ. 34 u l-affidavit tal-imħarrek f'paġ. 76 tal-proċess
[48] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġ. 37 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "MGM1" f'paġ. 15 tal-proċess
[49] Ara x-xhieda ta' Stephen Pace f'paġ. 63 tal-proċess
[50] Dok. "MGM1" f'paġġ. 13-14 tal-proċess
[51] Ara x-xhieda ta' l-imħarrek f'paġ. 76 tal-proċess

imħarrek l-ammont ta' sebat elef, erba' mija u sitta u ħamsin Ewro (€7,456);

Illi, għalhekk, it-tieni talba attriċi sejra tintlaqa' sal-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf u tliet euro (€ 44,003)[52];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt illi **tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba attriċi** fid-dawl tad-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2010;

**Tiċħad l-eċċezzjoni** tal-imħarrek bħala mhux mistħoqqa;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** limitatament billi ssib illi l-imħarrek huwa debitur ta' l-attriċi fl-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf u tliet ewro (€44,003) li tirrappreżenta l-bilanċ ta' somom mgħoddijin lilu mill-istess attriċi;

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' erbgħa u erbgħin elf u tliet euro (€44,003), flimkien mal-imgħax legali b'seħħ mill-5 ta' Mejju, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attriċi tħallas terz ($^{1}/_{3}$) tal-**ispejjeż tal-kawża** filwaqt li l-imħarrek iħallas iż-żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) l-oħrajn.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**7 ta' Frar, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**7 ta' Frar, 2017**

[52] € 11,647 + € 17,000 + € 7900 + € 7456 = € 44,003